MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 342/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Gauci**
**Alfred Gauci**
**Pawlu Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmija Charles Gauci, Alfred Gauci u Pawlu Gauci talli:

(1) fit-22 ta’ Novembru 2008 u fil-granet u xhur ta’ qabel b’atti maghmula b’ risoluzzjoni wahda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi f’dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jezercitaw pretenzjoni li ghandhom, imblokkaw trejqa permezz ta’ depozitu ta’ demel b’mod li ostakolaw lil

Carmel u Filippo Gauci milli juzaw l- istess trejqa liberament bil-vettura taghhom, kif dejjem talvolta ghamlu, u dan bi pregudizzju ghad-drittijiet proprjetarji taghhom, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) bl-istess agir taghhom fil-granet u jiem imsemmija, bi pregudizzju ghad- drittijiet ta’ Carmel u Filippo Gauci kisru l-art. 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u;

(3) Charles Gauci wahdu sar recidiv permezz ta’ tliet sentenzi tat-18 ta’ April 2007 tal-Magistrat Consuelo Scerri Herrera u tat-22 ta’ Ottubru 2008 tal-Magistrat Consuelo Scerri Herrera;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 85 u 340(d) tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, sabithom hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannat lil Charles Gauci multa ta’ mitt euro (€100) filwaqt li kkundannat lil Alfred Gauci u lil Pawlu Gauci jhallsu multa ta’ hamsin euro (€50) kull wiehed. Dik il-Qorti ordnat ukoll lill-imsemmijin Charles Gauci, Alfred Gauci u Pawlu Gauci jnehhu l-inkonvenjent li hemm fit-trejqa fi zmien jumejn mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas il-kwerelanti jistghu jaghmlu dan a spejjez ta’ l-istess appellanti;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta` Charles Gauci ipprezentat fit-22 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil- konfront tieghu u dan billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta` Alfred Gauci pprezentat fit-22 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil- konfront tieghu u dan billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta` Pawlu Gauci ipprezentat fit-22 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil- konfront tieghu u dan billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji tat-tliet appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi; (2) li l-ewwel Qorti ma setghetx taghti l-ordni li jitnehha l-inkonvenjent a tenur ta' l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-inkonvenjent ma jezistix; (3) li ma jikkonfigurawx l-elementi ta' ragion fattasi peress illi ma jirrizultax illi l-appellanti kienu qed jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom izda kull ma riedu jaghmlu kien li jkunu jistghu jpoggu d-demel fil-fetha tat-trejqa, kif kien isir minn dejjem anki qabel l-appellanti stess, u dan minn certu Pawlu Galea, illum mejjet. Il-posizzjoni specifika li fiha jinstab id-demel in kwistjoni hija l-unika parti tat-trejqa fejn l-istess demel ma jkunx jostakola t-trejqa, liema trejqa tintuza regolarment mill-appellanti biex jaccedu r-razzett u l-ghelieqi taghhom.

Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, l-appellanti gew akkuzati li kkommettew ir-reat ta' *ragion fattasi*. Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-elementi:

**"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-**

**<u>Puliziia v. Carmelo Ciantar</u>, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., <u>Annotazioni able Leggi Criminali</u> (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".**[1]

Il-kwistjoni kollha hawn hija dwar ammont ta' demel li tpogga go fetha fi trejqa li minnha jghaddu kemm il-kwerelanti kif ukoll l-appellati, u li minhabba fih il-kwerelanti ma setghux idawwru – bhalma kienu jaghmlu – bil-vetturi taghhom. Fir-rikorsi ta' appell taghhom l-appellanti ma jinnegawx li kienu qeghdu d-demel. Anzi jammettu li ghamlu dan u jghidu li dan ghamluh bhalma kien jaghmel qabilhom certu Pawlu Galea. Da parti taghhom il-kwerelanti jaqblu li Pawlu Galea kien jitfa d-demel f'din il-fetha, izda filwaqt illi kull ma kellu Pawlu Galea kienu zewg naghgiet u moghza, l-appellanti ghandhom numru mdaqqas ta' annimali. Dak li qalu l-kwerelanti dwar Pawlu Galea ma giex kontradett mill-appellanti.

Issa, il-Perit Mario Cassar li gie nnominat mill-ewwel Qorti bhala perit tekniku, ikkonstata li meta l-kwantita` tad-demel tkun bhalma tidher fir-ritratt esebit mill-kwerelanti, il-vettura tal-kwerelanti ma tistax iddawwar. Fiz-zewg accessi li zamm, irrizulta li l-kwantita` ta' demel kien izghar u ghalhekk bil-vettura l-kwerelanti setghu jdawwru.

L-appellant Charles Gauci pprova jiggustifika dak li ghamlu l-appellanti billi qal li dan l-incident sehh fi Frar 2009 meta ghamlet maltempata kbira, dahal l-ilma taht l-annimali u kellhom johorgu d-demel, u kif harguh ezatt il-kwerelanti ma tawhomx cans. Li ma ndunax l-appellant Charles Gauci, pero`, hu li l-kaz li dwaru hu u l-appellanti

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

l-ohra gew mixlija sehh f'Novembru 2008 u mhux fi Frar 2009.

M'hemmx dubju ghalhekk mill-provi li bl-agir taghhom l-appellanti spoljaw lill-kwerelanti mill-uzu tal-fetha fit-trejqa sabiex idawru bil-vetturi taghhom,  u dan kontra l-oppozizzjoni almenu prezunta tal-kwerelanti peress illi l-appellanti kienu jafu bl-uzu li kienu jaghmlu l-kwerelanti. L-appellanti emmnu li setghu jitfghu d-demel kollu li kienu johorgu mill-farm taghhom ghax Pawlu Galea qabilhom kien jaghmel hekk, izda dan minghajr ma qaghdu jqisu li l-ammont ta' demel li kien johrog Pawlu Galea kien bil-wisq inqas. Fl-ahharnett, meta wiehed iqis il-mod kif l-appellant Charles Gauci pprova jiggustifika l-agir taghhom, m'hemmx dubju li l-appellanti kienu konxji tal-fatt illi ma kellhomx jaghmlu dak li ghamlu *di privato braccio*. Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement sabet il-htija fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-artikolu 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjeta`, kull min **"bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta` ta' haddiehor, <u>mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Peress illi l-appellanti nstabu hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tali htija qed tigi kkonfermata, ma kellhomx allura jinstabu hatja wkoll ta' din il-kontravvenzjoni.

L-appellanti jissottomettu wkoll illi l-inkonvenjent tnehha u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna t-tnehhija ta' l-inkonvenjent a tenur ta' l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawn jidher illi l-appellanti ghandhom ragun. Peress illi l-gravam tal-kwerelanti, kif jidher car mill-ewwel imputazzjoni, kien illi l-appellanti mblokkaw it-trejqa bid-demel, u peress illi jidher illi issa l-kwerelanti jistghu jdawwru liberament, m'hemmx lok li jibqa' fis-sehh l-ordni li tat l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu l-appellanti nstabu hatja tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberahom, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellanti jnehhu l-inkonvenjent li hemm fit-trejqa fi zmien jumejn u fin-nuqqas il-kwerelanti jistghu jaghmlu dan a spejjez ta' l-appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------